MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 244/2014

**Johann Gaffarena**

**vs**

**Patrick Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li gie pprezentat nhar it-23 ta’ Lulju 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ erbat elef u seba’ mitt ewro (€4,700) liema somma hija dovuta bhala import ta’ kambjala accettata u ffirmata

minnu fl-14 ta’ Frar 2014 liema kambjala gja skadiet u li kopja taghha hija annessa bhala Dokument A.

Illi wkoll ghandu jghid ghaliex baqa’ inadempjenti ghalkemm gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont dovut kemm permezz ta’ ittra bonarja datata 29 ta’ Mejju 2014 u permezz ta’ ittra ufficjali datata 12 ta’ Gunju 2014 taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Bl-ispejjez kontra tieghu u huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Patrick Camilleri li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar is-17 ta’ Settembru 2014 fejn eccepixxa:

1. *“Illi l-azzjoni odjerna hija irritwali u nulla stante illi l-kambjali, bhala element essenzjali tal-azzjoni kambjarja, ma gewx annessi mac-citazzjoni attrici;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kambjala hija nulla u bla effett stante li din ma gietx iffirmata mill-mara tal-esponent;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmija kambjala ma gietx ipprotestata mill-pussessur taghha u ghalhekk l-azzjoni hija insostenibbli;*
4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-valur mitlub fl-azzjoni odjerna ma huwiex dovut stante ftehim li kien sar bejn l-esponenti u l-attur li l-valur ta’ erbat elef u seba’ mitt ewro (€4,700) kien jigi dovut biss kieku l-esponenti rnexxielu jbiegh il-vettura tal-ghamla Mercedes E Class u bin-numru tar-registrazzjoni FBV-764 ghall-valur ta’ tnax-il elf u hames mitt ewro (€12,500) meta fil-fatt hu biegh l-imsemmija vettura ghall-valur ta’*

*tmint elf u hames mitt ewro (€8,500) u cioe' s-somma li primarjament l-esponenti kien ghad fadallu jithallas mill-attur tax-xoghlijiet li kien ghamillu;*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi."*

Rat illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Patrick Camilleri kienu kollha ta' natura legali u li ghalhekk l-avukati difensuri trattaw dawn l-istess eccezzjonijiet minghajr ma ressqu xhieda u dan fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 u in segwitu wkoll fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014.

Rat illi ukoll nhar it-12 ta' Dicembru 2014 il-konvenut ipprezenta eccezzjoni ulterjuri fis-sens segwenti:

1. *"Li l-azzjoni odjerna hija nulla stante l-frivolita' u l-malizzjozita' tat-talba hekk kif dedotta mill-attur, liema talba jekk tigi milqugha certament ser jirrizulta arrikament indebitu favur l-istess attur;*
2. *Salv ecezzjonijiet ohra permissibbli skond il-ligi."*

Rat is-sentenza preliminari li nghatat minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Jannar, 2015 li permezz taghha ddecidiet li *"stante li l-ewwel tlett eccezzjonijiet qed jigu michuda, il-Qorti tordna l-prosegwiment bil-provi ai fini tar-raba' eccezzjoni u tal-eccezzjoni ulterjuri prezentata fl-atti wara l-ahhar seduta u cioe' nhar it-12 ta' Dicembru 2014".*

Rat illi nhar is-6 ta' Mejju 2015 l-avukati difensuri tal-partijiet trattaw ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut kif kontenuta fir-risposta tieghu pprezentata fl-atti nhar is-17 ta' Settembru 2014 kif ukoll l-eccezzjoni ulterjuri prezentata fl-atti nhar it-

12 ta’ Dicembru 2014 (fol. 28) u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Kawza proposta a bazi ta' kambjala bhala din odjerna ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli. Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi.

Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni.

Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-

validita’ formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi.

Hemm eccezzjonijiet permessibbli ghal dana kollu meta l-eccezzjoni tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo u ghalhekk tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni ad hoc.

Illi f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet

iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala.

L-**Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc** infatti necessarjament jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn negozju li ta lok ghall-hrug tal-kambjala imma li setghu idewmu d-determinazzjoni tal-azzjoni kambjarja, kellhom bhala regola jigu skartati. Dan dejjem salv id-dritt li tali eccezzjonijiet jistghu jigu ventilati f'azzjoni li tikkontesta n-negozju originali.

Skond kif gie affermat fis-sentenza **"<u>Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe</u>"** **(**K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):

*"appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ippreciedietha. Ghalhekk f' kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti".*

Illi l-istess arrangament gie segwit f'diversi sentenzi fosthom **"<u>John Mary Sammut vs Michael Cassar</u>"** (App K. 14 ta' Ottubru 1991) u **"<u>George Zahra vs Alfred Borg</u>"** (K. (JSP) 28 ta' April 1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1.

1136) u l-istess **"<u>John Portelli noe vs Charles Vella</u>"** (K.C.D. 30 ta' Awissu 1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"<u>Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited</u>"** (Cit. Nru. 273/2000/RCP).

Fil-kawza "**<u>Lia vs Cianco</u>**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-13 ta' Lulju, 1990, intqal li *"kambjali ghandhom karattru awtonomu u indipendenti min-negozju li seta' ta' lok ghal hrug taghhom. Ghalhekk, jekk dawn ikunu ffirmati minn persuna, l-azzjoni kambjarja tista' issir biss kontra tieghu, u ma tistax tirnexxi kontra s-socjeta' li fil-fatt iffirmat il-kuntratt ta' akkwist, avvolja dik is-socjeta` hi guridikament rappresentata mill-persuna li ffirmat il-kambjali."*

Din is-sentenza identifikat l-importanza tal-firma fuq il-kambjala, li tiddetermina l-persuna responsabbli ghal-hlas tal-ammont indikat fuq il-kambjala.

Hekk ukoll, fil-kawza "**<u>Grupetta noe vs Borg</u>**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Jannar, 1982, gie enfasizzat li "*darba li l-konvenut iffirma l-kambjala bhala accettant u dan personalment, huwa responsabbli ghad-dejn indikat fuq il-kambjala, u hu immaterjali li l-konvenut ma jiggestix negozju wahdu izda taht isem ta' ditta ma huh."* Hawn ukoll l-enfasi saret fuq il-firma tal-accettant.

Illi ghalhekk jirrizulta bic-car li una volta tinhareg kambjala u tigi pprezentata azzjoni kambjarja a bazi taghha, l-provi ghandhom ikunu biss u limitati ghall-hrug tal-istess u mhux fuq l-obbligazzjoni li kien hemm antecidenti ghall-hrug taghha. F'kaz li l-partijiet ghandhom xi kwistjoni ohra bejniethom ghandha issir kawza *ad*

*hoc* b'talbiet diversi u mhux tintuza din il-procedura sabiex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali hekk iffirmati.

Fil-fatt mill-provi prodotti lanqas il-mertu antecidenti ghall-hrug tal-kambjala ma jirrizulta.

Dwar il-hames eccezzjoni u cioe' li l-azzjoni hija nulla stante l-frivolozita' u l-malizzjosita' tat-talba kif dedotta mill-attur, jinghad li jekk l-konvenut ihoss lil bit-tisrif tal-kambjala l-attur ser jarrekixxi lilu innifsu, allura l-istess konvenut messu pprezenta azzjoni *ad hoc* a bazi ta' arrikament indebitu. Zgur li minn dak li jirrizulta s'issa ma jidhirx li l-azzjoni hija wahda frivola jew malizzjusa.

**Konsegwentement, din il-Qorti qieghda filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut stante li dawn gja gew trattati b'decizjoni preliminari, qieghda tilqa' t-talba tal-attur b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba minnu fir-rikors promotur tieghu fl-ammont ta' erbat elef u seba' mitt ewro (€4,700) u tichad ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut inkluzi dawk ta' ittra bonarja datata 29 ta' Mejju 2014 u l-ittra ufficjali datata 12 ta' Gunju 2014 taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12. Bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali appena citata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------